Nru./No. 18,379
Prezz/Price
€3.35

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 17 ta' Frar, 2009
Tuesday, 17th February, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1185 - 1192
Government Notices ..... *1185 - 1192*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 1193 - 1197
Employment Opportunities ..... *1193 - 1197*

Avviżi tal-Gvern ..... 1198 - 1199
Notices ..... *1198 - 1199*

Offerti ..... 1200 - 1229
Tenders ..... *1200 - 1229*

Avviżi tal-Qorti ..... 1230 - 1252
Court Notices ..... *1230 - 1252*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 132

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,377 u 18,378 tad-9 u t-13 ta' Frar 2009 rispettivament.

A.L. Nru. 44 tal-2009: Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93); Ordni tal-2009 dwar l-Impjieg mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet.

A.L. Nru. 45 tal-2009: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Vegetable Propagation and Planting Material (Amendment) Regulations, 2009*.

A.L. Nru. 46 tal-2009: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Fruit Trees Propagation Material (Amendment) Regulations, 2009*.

A.L. Nru. 47 tal-2009: *Product Safety Act (Cap. 427) Motor Vehicles (EC Type Approval) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2009*.

A.L. Nru. 48 tal-2009: Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent (Kap. 435) Regolamenti tal-2009 dwar Maniġġar ta' Skart (Superviżjoni u Kontroll ta' Vjaġġi ta' Skart Radjutattiv u ta' Kombustibbli Eżawrit).

A.L. Nru. 49 tal-2009: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437) Regolamenti tal-2009 dwar Lista ta' Użu Maħsub għall-Materjal tal-Għalf għall-Annimali għal Skopijiet Nutrittivi Partikolari.

Is-17 ta' Frar, 2009

Nru. 133

REGOLAMENTI DWAR IL-KONSERVAZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

SKONT id-dipożizzjonijiet tar-regolament 24 u tal-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 9 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Avviż Legali 79 tal-2006) u wara li hu sodisfatt illi m'hemmx xi soluzzjoni oħra sodisfaċenti, il-Prim Ministru qiegħed b'din jawtorizza t-tnaqqis tan-numru tal-għasafar tal-ispeċi *Sturnis vulgaris*, fil-perimetru taż-żona indikata fil-partita (9) tal-Iskeda V tal-imsemmija Regolamenti għall-perjodu mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni sat-8 ta' Marzu 2009 (iż-żewġ dati inklużi), fl-interess tas-sigurtà tal-ajru u taħt dawk il-kondizzjonijiet stabbiliti mid-Direttur.

Is-17 ta' Frar, 2009

GOVERNMENT NOTICES

No. 132

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,377 and 18,378 of the 9th and the 13th February 2009 respectively.

L.N. No. 44 of 2009: Pensions Ordinance (Cap. 93); Pensions Ordinance (Employment with the Malta Transport Authority) Order, 2009.

L.N. No. 45 of 2009: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Vegetable Propagation and Planting Material (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 46 of 2009: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Fruit Trees Propagation Material (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 47 of 2009: Product Safety Act (Cap. 427) Motor Vehicles (EC Type Approval) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2009.

L.N. No. 48 of 2009: Environment Protection Act (Cap. 435); Waste Management (Supervision and Control of Shipments of Radioactive Waste and Spent Fuel Regulations, 2009).

L.N. No. 49 of 2009: Veterinary Services Act (Cap. 437) List of Intended Uses of Animal Feedingstuffs for Particular Nutritional Purposes Rules, 2009.

17th February, 2009

No. 133

CONSERVATION OF WILD BIRDS REGULATIONS

IN accordance with the provisions of regulation 24 and of paragraph (b) of sub-regulation (1) of regulation 9 of the Conservation of Wild Birds Regulations, 2006 (Legal Notice 79 of 2006) and being satisfied that there exist no other satisfactory solution, the Prime Minister hereby authorises the culling birds of the species *Sturnis vulgaris* within the perimeter of the area indicated as item (9) of Schedule V of the mentioned Regulations for the period from publication of this Notice to the 8th day of March 2009 (both dates included) in the interests of air safety under those conditions as established by the Director.

17th February, 2009

Nru. 134

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (INFORMAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Publio Agius	Direttur *Director*	Informazzjoni *Information*	16 -23.02.09

Is-17 ta' Frar, 2009

No. 134

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INFORMATION)

THE Principal Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

17th February, 2009

Nru. 135

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Irkantaturi Pubbliċi

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuni msemmija hawn taħt ġew nominati fuq il-*panel* ta' Irkantaturi Pubbliċi għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009 jew dak il-perjodu iqsar li jista' jiġi deċiż minn Bord maħtur għall-istess għan.

Pierre Grech Cumbo Pillow
Edward Gingell Littlejohn
John Gingell Littlejohn

It-12 ta' Frar, 2009
DCV 31/2009

No. 135

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Public Auctioneers

IT is notified for general information that the persons mentioned hereunder have been nominated on the panel of Public Auctioneers for the period 1st January 2009 to 31st December 2009, or such lesser term as may be decided by such Board to be appointed for such purpose.

Pierre Grech Cumbo Pillow
Edward Gingell Littlejohn
John Gingell Littlejohn

12th February, 2009

Nru. 136

ĦATRA TAL-BORD KONSULTATTIV GĦALL-INDUSTRIJA TAL-BINI

SKONT riżoluzzjoni 74 tal-Kmara tar-Rapreżentanti tat-3 ta' Novembru 1997, il-Bord Konsultattiv għall-Industrija tal-Bini nħatar kif ġej:

Il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali ħatar lill-Perit John Ebejer bħala *Chairman* tal-Bord Konsultattiv għall-Industrija tal-Bini. Dan sar b'seħħ mill-4 ta' Awissu 2008. Il-ħatra hija valida għal perjodu ta' tliet snin.

Il-persuni li nħatru fuq il-Bord Konsultattiv għall-Industrija tal-Bini mill-għaqdiet u aġenziji rispettivi huma kif ġej:

No. 136

APPOINTMENT OF THE BUILDING INDUSTRY CONSULTATIVE COUNCIL

IN accordance to Resolution 74 approved by House of Representatives on 3rd November 1997, it is hereby notified that the Building Industry Consultative Council was appointed as follows:

The Minister for Resources and Rural Affairs, Hon. George Pullicino has nominated Architect John Ebejer as Chairman of the BICC effective as from 4th August 2008. The appointment is valid for a period of three years.

The persons nominated to sit on the Building Industry Consultative Council by the respective organisations and agencies were as follows:

Diviżjoni tas-Servizzi, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali

Perit Carmel Mifsud bħala rappreżentant
Perit Stephen Pulis bħala sostitut

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi
Perit Anthony Sammut bħala rappreżentant

Awtorità Maltija dwar l-Istandards
L-Ing. Francis E. Farrugia bħala rappreżentant
Is-Sur Tristan Camilleri bħala sostitut

Awtorità tad-Djar
Perit Sandra Magro bħala rappreżentant
Perit Anton Camilleri bħala sostitut

Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà
Dott. Mark Gauci bħala rappreżentant
Is-Sur Silvio Farrugia bħala sostitut

Taqsima Propjetà tal-Gvern
Is-Sur Ray Camilleri bħala rappreżentant
Perit Stefan Scotto bħala sostitut

Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent
Perit Alex Borg bħala rappreżentant
Perit Fleur Ebejer bħala sostitut

Fakultà Għall-Ambjent Mibni – Università ta' Malta
Perit Dion Buhagiar bħala rappreżentant

Institute for Building and Construction (MCAST)
Is-Sur James Pearsall bħala rappreżentant
Is-Sur John Vella bħala sostitut

Korporazzjobni ta' Xogħol u Taħriġ (ETC)
Is-Sur Joe Cutajar bħala rappreżentant
Is-Sur Valent Cachia bħala sostitut

Bord tal-Bennejja, Taqsima tax-Xogħlijiet
Perit Franco Montesin bħala rappreżentant
Perit Joseph Briffa bħala sostitut

Kamra tal-Periti
Perit Philip Grech bħala rappreżentant
Perit David Felice bħala sostitut.

Kamra tal-Inġiniera
Ing Alan Abela bħala rappreżentant
Ing Godfrey Muscat bħala sostitut

Services Division, Ministry Resources and Rural Affairs

Architect Carmel Mifsud Borg as representative
Architect Stephen Pulis as substitute representative

Malta Resources Authority
Architect Anthony Sammut as representative

Malta Standards Authority
Ing. Francis E. Farrugia as representative
Mr Tristan Camilleri as substitute representative

Housing Authority
Architect Sandra Magro as representative
Architect Anton Camilleri as substitute representative

Occupational Health and Safety Authority
Dr Mark Gauci as representative
Mr Silvio Farrugia as substitute representative

Government Property Division
Mr Ray Camilleri as representative
Architect Stefan Scotto as substitute representative

Malta Environment and Planning Authority
Architect Alex Borg as representative
Architect Fleur Ebejer as substitute representative.

Faculty for the Built Environment, University of Malta
Architect Dion Buhagiar as representative

Institute for Building and Construction MCAST
Mr James Pearsall as representative
Mr John Vella as substitute representative

Employment and Training Corporation
Mr Joe Cutajar as representative
Mr Valent Cachia as substitute representative

Masons Board, Works Division
Architect Franco Montesin as representative
Architect Joseph Briffa as substitute representative

Chamber of Architects
Philip Grech as representative
Architect David Felice as substitute.

Chamber of Engineers
Ing Alan Abela as representative
Ing Godfrey Muscat as substitute representative

Chamber of Planners
Is-Sur Bjorn Bonello bħala rapreżentant
Is-Sur Chris Attard bħala sostitut
General Retailers and Traders Union
Is-Sur Vincent Farrugia bħala rapreżentant
Is-Sur Sandro Chetcuti bħala sostitut

Federation of Estate Agents
Is-Sur Trafford Busuttil bħala rapreżentant
Is-Sur Stephen Sant Fournier bħala sostitut

Federazzjoni tal-Industrija
Perit David Xuereb bħala rapreżentant
(Sal-2 ta' Frar 2009)

Kamra tal-Kummerċ
Is-Sur Frank Farrugia bħala rapreżentant
Is-Sur Louis Apap Bologna bħala sostitut
(Sal-2 ta' Frar 2009)
(mit-3 ta' Frar wara l-amalgamzzjoni bejn l-FOI u l-kamra tal-Kummerċ 2009)

Malta Chamber of Commerce, Enterprise and Industry
Perit David Xuereb u
Is-Sur Frank Farrugia bħala rapreżentanti

Federation of Building and Civil Engineering Contractors
Is-Sur Angelo Xuereb bħala rapreżentant
Is-Sur Jimmy Calleja bhala sostitut

Malta Insurance Association
Dott. Anton Felice bħala rapreżentant
Dott. Letizia Borg Cristiano bħala sostitut

General Workers Union
Is-Sur Paul Bugeja bħala rapreżentant
Is-Sur Charles Agius bħala sostitut

Union Ħaddiema Magħqudin
Is-Sur Jesmond Bonello bħala repreżentant
Is-Sur Aldo Busuttil bħala sostitut

In-nominazzjoni hija effettiva mis-16 ta Ottubru 2008. Skont l-istatut tal-BICC artikolu 7 (2). Il-ħatra hija valida għal perijodu ta' sentejn.

Is-17 ta' Frar, 2009

Chamber of Planners
Mr Bjorn Bonello as representative
Mr Chris Attard as substitute representative
General Retailers and Traders Union
Mr Vincent Farrugia as representative
Mr Sandro Chetcuti as substitute representative

Federation of Estate Agents
Mr Trafford Busuttil as representative
Mr Stephen Sant Fournier as substitute representative

Malta Federation of Industry
Architect David Xuereb as representative
(Up to 2nd February 2009)

Malta Chamber of Commerce and Enterprise
Mr Frank Farrugia as representative
Mr Louis Apap Bologna as substitute representative
(Up to 2nd February 2009)
(As from 3rd February following merger of FOI and COC 2009)

Malta Chamber of Commerce, Enterprise and Industry
Architect David Xuereb and
Mr Frank Farrugia as representatives

Federation of Building and Civil Engineering Contractors
Mr Angelo Xuereb as representative
Mr Jimmy Calleja as substitute representative

Malta Insurance Association
Dr Anton Felice as representative
Dr Letizia Borg Cristiano as substitute representative

General Workers Union
Mr Paul Bugeja as representative
Mr Charles Agius as substitute representative

Union Ħaddiema Magħqudin
Mr Jesmond Bonello as representative
Mr Aldo Busuttil as substitute representative

The nomination is effective from 16th October, 2008. In accordance to the statute of the BICC article 7 (2) the appointment is valid for a period of two years.

17th February, 2009

Nru. 137

ATT DWAR IL-*BILLS* TAT-TEŻOR TA' MALTA (KAP. 133)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

DAN il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull *bill* tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Marzu 2009 u li huwa ppubblikat mill-*Accountant General* skond u għall-finijiet ta' regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar id-Demarterjalizzazzjoni tal-bills tat-Tezor ta' Malta tal-Avviż Legali Nru. 59 ta' l-2007:

No. 137

MALTA TREASURY BILLS ACT (CAP. 133)

Notice of Issuance Calendar

THE following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of March 2009 and is published by the Accountant General in terms of regulation 5 of the Malta Treasury Bills (Dematerialisation) Regulations, 2007 of Legal Notice No. 59 of 2007:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
02	**03** **TB** Tender Date	**04**	**05**	**06** **TB** Issue of 91 days maturing 5 June 2009 and 182 days maturing 4 September 2009
09	**10** **TB** Tender Date	**11**	**12**	**13** **TB** Issue of 91 days maturing 12 June 2009
16	**17** **TB** Tender Date	**18**	**19** ***Public Holiday***	**20** **TB** Issue of 91 days maturing 19 June 2009
23	**24** **TB** Tender Date	**25**	**26**	**27** **TB** Issue of 182 days maturing 25 September 2009

Notes:- *Note: TB = Treasury Bills*

1. Treasury Bills Auctions are held every Tuesday and successful bids are settled the following Friday.

2. When either of these days falls on a Public Holiday the auction takes place on the first working day immediately before.

3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids on Tender forms, which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m. on the tender date. Such bids may either be made directly to the Treasury or transmitted by fax on 25967210 or by e-mail.

5. Only offers with a definite yield shall be considered.

6. 28 day tenor minimum amount is €250,000, other tenor €50,000. Above this minimum must be in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:

1 month = 28 days	9 months = 273 days
3 months = 91 days	12 months = 364 days
6 months = 182 days	

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same yield as that for the whole amount he has tendered for.

9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day.

10. Settlement of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m. on the date on which the relative Bills are dated. Payments may be effected either by cheque, made payable to the Accountant General or by bank transfer to the credit of the Public Account, Account number 40001 EUR-CMG5-001-H, with the Central Bank of Malta. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill.

11. The Accountant General reserves the right of not accepting any tender. For further information please refer to the Malta Treasury Bills General Prospectus at www.treasury.gov.mt

17th February, 2009

Nru. 138

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

Revoka ta' Awtorizzazzjoni għall-Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti bin-Numru ta' Reġistrazzjoni 184/2005/11

BIS-SAĦĦA tal-Att tal-2007 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* u Diversi Liġijiet li ġie ppubblikat fil-21 ta' Diċembru 2007 (Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,166) u l-A.L. 33 tal-2008 (Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,180), il-kompetenza għall-awtorizzazzjoni u r-regolazzjoni tal-pestiċidi f'Malta kienet ġiet mgħoddija lill-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* b'seħħ mill-1 ta' Frar 2008.

Ngħarrfu li bis-saħħa tal-A.L. 115 tal-2004 b'mod partikulari artikolu 10 (2), l-awtorizzazzjoni għal DELIN li jinkludi *deltamethrin* qiegħda tiġi revokata b'seħħ immedjat billi l-kondizzjonijiet meħtieġa fl-artikolu 6 (1) tal-A.L. 115 tal-2004 mhux qegħdin jiġu milħuqa.

Is-17 ta' Frar, 2009

No. 138

MALTA STANDARDS AUTHORITY

Revocation of Authorization for Plant Protection Product with Registration Number 184/2005/11

AS per Malta Standards Authority and various Laws (Amendment) Act, 2007 published on 21st December 2007 (Government Gazzette No. 18,166) and Legal Notice 33 of 2008 (Government Gazzette No. 18,180), the competency for the authorization and regulation of pesticides in Malta has been transferred to the Malta Standards Authority (MSA) as from 1st February 2008.

It is hereby being notified that by virtue of Legal Notice 115/2004 and in particular Article 10.2, the authorisation for DELIN containing deltamethrin is being revoked with immediate effect since the requirements set out in Article 6.1 of Legal Notice 115/2004 are not satisfied.

17th February, 2009

Nru. 139

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

Revoka ta' Awtorizzazzjoni għall-Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti bin-Numru ta' Reġistrazzjoni 247/2004/8

BIS-SAĦĦA tal-Att tal-2007 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* u Diversi Liġijiet li ġie ppubblikat fil-21 ta' Diċembru 2007 (Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,166) u l-A.L. 33 tal-2008 (Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,180), il-kompetenza għall-awtorizzazzjoni u r-regolazzjoni tal-pestiċidi f'Malta kienet ġiet mgħoddija lill-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* b'seħħ mill-1 ta' Frar 2008.

Ngħarrfu li bis-saħħa tal-A.L. 115 tal-2004 b'mod partikulari artikolu 10 (2), l-awtorizzazzjoni tal-METEOR li jinkludi *deltamethrin* qiegħda tiġi revokata b'seħħ immedjat billi l-kondizzjonijiet meħtieġa fl-artikolu 6 (1) tal-A.L. 115 tal-2004 mhux qegħdin jiġu milħuqa.

Is-17 ta' Frar, 2009

No. 139

MALTA STANDARDS AUTHORITY

Revocation of Authorization for Plant Protection Product with Registration Number 247/2004/8

AS per Malta Standards Authority and various Laws (Amendment) Act, 2007 published on 21st December 2007 (Government Gazzette No. 18,166) and Legal Notice 33 of 2008 (Government Gazzette No. 18,180), the competency for the authorization and regulation of pesticides in Malta has been transferred to the Malta Standards Authority (MSA) as from 1st February 2008.

It is hereby being notified that by virtue of Legal Notice 115/2004 and in particular Article 10.2, the authorisation for METEOR containing deltamethrin is being revoked with immediate effect since the requirements set out in Article 6.1 of Legal Notice 115/2004 are not satisfied.

17th February, 2009

Nru. 140

BORD TAL-ARMI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi s-Sur Anthony Mifsud qed jaqdi d-dmirijiet ta' Membru fuq il-Bord tal-Armi u mhux is-Sur Anthony Portelli kif ikkwotat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 742 bid-data tad-29 ta' Awissu, 2008.

Is-17 ta' Frar, 2009

No. 140

WEAPONS BOARD

IT is hereby notified that Mr Anthony Mifsud is acting as Member on the Weapons Board and not Mr Anthony Portelli as quoted in Government Gazette No. 742 dated 29th August, 2008.

17th February, 2009

Nru. 141

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 141

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Grace Borg	493374 (M)	"Memphis", Triq Wigi Bongailas, Żabbar

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Mark Tanti	22758 (M)	275, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun
Claudio Camilleri	368087 (M)	"Jacmar", Ta' Landrijiet, Rabat
John Gusman	458445 (M)	10, "Madonnina", Triq il-Marloċċ, Żabbar
Aaron Goodlip	171087 (M)	5, "Madonna ta' Pinu", Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba
Ronald Grech	565683 (M)	Binja tal-Faqqani, Ent. A, Flat 4, Dawret it-Torri, Santa Luċija
Gaetano Zahra	735755 (M)	20, Capri Flats, Flat 5, Triq iċ-Ċagħaq, San Pawl il-Baħar
David Aquilina	108275 (M)	108, Triq San Ġwann, Bormla
Louis Tonna	268480 (M)	72, Triq San Klement, Żejtun
James Lungaro Mifsud	41876 (M)	308, Triq Manwel Dimech, Sliema
Jason Oliva	495487 (M)	"Anacapri", Flat 5, Triq Spinola, San Ġiljan

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Is-17 ta' Frar, 2009

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

17th February, 2009

Nru. 142

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
17. 02. 09	€23.777	€0.362

Is-17 ta' Frar, 2009

No. 142

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

17th February, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Consultant Clinical Haematologist* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

**Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Clinical Haematologist* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2. Il-ħatra tkun skont il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv bejn il-Gvern u l-*Union*.

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u l-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata trid tagħżel bejn kuntratt A jew B mal-ħatra tagħha. Hi tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4.1. Il-persuna nominata tagħti s-servizzi tagħha fid-Dipartimenti tal-Mediċina u tal-Patoloġija. Hi taqa' taħt il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-Mediċina rigward risponsabbiltajiet kliniċi u taħt il-*Clinical Chairman* tad-Dipartiment tal-Patoloġija dwar xogħol relatat mal-laboratorju tal-*Haematology*. Hi tkun trid tieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartimenti tal-Mediċina u tal-Patoloġija u fil-programmi ta' taħriġ tal-istess dipartimenti kif meħtieġ.

4.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli għall-provvediment ta' servizz dijanjostiku u terawpetiku speċjalizzat fil-*Haematology*, għat-tfal u għall-kbar, fl-Isptar Mater Dei, fl-isptarijiet l-oħra u fis-servizzi tas-Saħħa pprovduti mill-Gvern fil-*policy* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

Dan jinkludi:

a) provvediment ta' servizz ta' konsulent, kemm *outpatient* kif ukoll *inpatient* lill-pazjenti riferuti mill-*general practitioners* u mill-konsulenti oħra tal-isptar;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Consultant Clinical Haematologist in the Ministry for Social Policy (Health)

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Clinical Haematologist in the Ministry for Social Policy (Health).

2. The appointment shall be made in accordance with the provisions of the collective agreement between Government and the Union.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee shall choose between types A or B on his/her appointment. He/She will be entitled to such benefits and subject to such conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4.1. The appointee will be giving his/her services within the Departments of Medicine and Pathology and will be accountable to the Clinical Chairperson of the Department of Medicine regarding clinical responsibilities and the Clinical Chairperson of the Department of Pathology regarding work related to the Haematology Laboratory. He/she will be expected to take part in the activities of the Departments of Medicine and Pathology and to participate in the teaching programmes of the respective departments as required.

4.2. The appointee shall be responsible for the provision of a diagnostic and therapeutic specialist service in haematology, both adult and paediatric, to Mater Dei Hospital, other hospitals and the Health Services provided by the Government within the policy of the Ministry for Social Policy (Health).

This will include:

a) provision of a consultancy service, both outpatient and inpatient, to referrals from General Practitioners and other Hospital consultant teams;

b) żvilupp ta' *outpatient clinics* (per eżempju ma' *oncologists*, *paediatricians* u speċjalisti oħra skont il-ħtieġa) u risponsabbilta għat-tmexxija ta' *anticoagulant clinics*;

ċ) kura ta' pazjenti b' *haematological diseases* li jinħtieġu jidħlu l-isptar;

d) żvilupp, superviżjoni u maniġġjar tal-*Haematology Laboratory*;

4.3. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-ċentri tas-saħħa skont programmi approvati dwar kura fil-komunità, u tista' wkoll tkun meħtieġa li tipprovdi servizz fi kwalunkwe estensjoni li tista' ssir fil-futur dwar is-servizzi tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali Komprensiva tas-Saħħa.

4.4. Il-persuna nominata, flimkien ma' konsulenti oħra diġà fil-post, trid tipprovdi *consultant cover* effettiv għall-*Clinical Haematology* waqt il-ħin tax-xogħol.

4.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta illi d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inkluż l-aspetti tal-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikunu tal-ogħla livell possibbli.

4.6. Il-persuna nominata trid tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif ikun meħtieġ.

4.7. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kariga tagħha.

4.8. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

4.9. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-

b) development of joint outpatient clinics (e.g. with oncologists and with paediatricians and other specialists as necessary), and overall responsibility for the running of anticoagulant clinics;

c) care of patients with haematological diseases requiring admission to hospital;

d) further development supervision and management of the Haematology laboratory;

4.3. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the health centres in accordance with approved community care programmes, and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

4.4. The appointee, together with existing consultant staff, will be expected to provide effective consultant cover for Clinical Haematology during duty hours.

4.5. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care, are of the highest possible level.

4.6. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required.

4.7. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing (continuing) training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

4.8. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

4.9. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions

dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) (i) ikollhom:

(i) Ċertifikat maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta li t-taħriġ fil-Mediċina u fil-*Haematology* huwa komplut;

JEW

(ii) ikollhom isimhom imniżżel fil-*General Medicine and Haematology Specialist Registers;*

JEW

(iii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fil-*Medicine and Haematology Specialist Registers;*

e) ikollhom sentejn esperjenza *full-time* bħala speċjalisti fil-*Haematology*;

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li m'għandhomx is-sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti

on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of:

(i) Certificate of completion of training in General Medicine and Haematology by the local Specialist Accreditation Committee;

OR

(ii) inclusion in the General Medicine and Haematology Specialist Registers;

OR

(iii) be approved for inclusion in the General Medicine and Haematology Specialist Registers;

e) have two years full time experience as a specialist in Haematology;

f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of two years full-time experience

fil-*Haematology* kif indikat f'paragrafu 5(e) bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a) (b) (ċ) u (d). Jekk ħadd mill-kandidati ma jissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), dan l-istess paragrafu 5(e) ma jkunx ikkunsidrat għall-kandidati kollha. Iżda, jekk saħansitra wieħed/waħda mill-kandidati jissodisfa/tissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), din l-istess kundizzjoni tiġi mitluba mingħand l-applikanti l-oħra kollha.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħaħ b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji, jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li

as specialists in Haematology as indicated in paragraph 5(e) provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5 (a), (b), (c) and (d). If none of the candidates satisfies the provisions of paragraph 5(e) then the said paragraph 5(e) will be considered as waived for all candidates. If, however, even only one candidate satisfies the provisions of paragraph 5(e), then such provisions will be required also from all other candidates.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Social Policy (Health) by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period

ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Marzu 2009.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Marzu 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill- applikant/a trid tasal għand il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-17 ta' Frar, 2009

for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 13th March 2009.

